GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

# Ċirkulari Numru 1/2026

# Chart Of Accounts (COA)

**Lil:** Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali
Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali

**Mingħand:** Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

**Data:** 2 ta' Marzu, 2026

## 1. Skop taċ-Ċirkolari

Iċ-Chart of Accounts (COA) tifforma l-pedament tas-sistema ta' kontabilità ta' kull Kunsill, billi sservi bħala l-qafas strutturat li permezz tagħha jiġu rreġistrati, ikklassifikati u rrappurtati kwalunkwe tranżazzjonijiet finanzjarji. Essenzjalment din hija s-sistema ewlenija ta' arkivjar li tippermetti lill-Kunsilli jorganizzaw l-informazzjoni finanzjarja b'mod konsistenti u sinifikanti.

Iċ-Chart of Accounts eżistenti kienet oriġinarjament stabbilita taħt il-Local Councils Financial Procedures tal-1996. Madankollu, maż-żmien baqgħet fil-biċċa l-kbira mhux mibdula minkejja l-evoluzzjoni sinifikanti fl-ambitu operattiv, fl-attivitajiet finanzjarji u fir-rekwiżiti ta' rappurtaġġ tal-Kunsilli Lokali u dawk Reġjonali.

Għaldaqstant, ġew identifikati diversi sfidi, ewlenin fosthom:

- Użu ta' kodiċi nominali differenti minn Kunsilli differenti għall-istess tip ta' dħul, nefqa, assi u obbligi,
- Nuqqas ta' allinjament bejn il-kontijiet nominali u klassifikazzjonijiet standard tal-kontabilità
- Mapping limitat bejn iċ-Charts of Accounts u l-preżentazzjoni tal-istqarrijiet finanzjarji,
- Riflessjoni inadegwata tal-funzjonijiet modernizzati u estiżi tal-kunsilli.

L-iskop ta' din iċ-ċirkulari huwa li tintroduċi Chart of Accounts ġdida u li tistabbilixxi skedi ta' żmien u proċeduri t'implimentazzjoni. Iċ-Chart of Accounts il-ġdida tinsab mehmuża bħala Appendiċi 1 flimkien ma' din iċ-Ċirkulari u se tintbagħat lill-Kunsilli Lokali u dawk Reġjonali permezz t'email li flimkien magħha se jkun hemm wkoll annessa spreadsheet.

**2. Għaliex il-Bidla hija Meħtieġa**

Ir-reviżjoni taċ-Chart of Accounts hija meħtieġa sabiex tindirizza l-inkonsistenzi strutturali u kif ukoll biex timmodernizza l-qafas ta' rappurtaġġ finanzjarju tal-istess Kunsilli.

COA standardizzat huwa essenzjali għaliex:

- Tippermetti rappurtaġġ uniformi bejn il-Kunsilli kollha;
- Inaqqas l-aġġustamenti tal-awditjar u jtejjeb l-effiċjenza tal-awditjar;
- Itejjeb it-trasparenza u r-responsabbiltà fil-ġestjoni finanzjarja pubblika;
- Tappoġġja ippjanar, baġit u teħid ta' deċiżjonijiet b'mod aktar professjonali.

Iċ-COA hija ċentrali biex jintlaħqu stqarrijiet finanzjarji standardizzati. Għaldaqstant il-qafas il-ġdid primarjament ser jiżgura:

- Allinjament dirett bejn ir-rekords u l-preżentazzjoni finanzjarja;
- Klassifikazzjoni konsistenti t'assi, obbligi, riżervi, dħul u nfieq;
- Komparabbiltà aħjar bejn il-Kunsilli;
- Data affidabbli għal konsolidazzjoni nazzjonali.

Din ir-riforma tirrappreżenta pass importanti lejn governanza finanzjarja aktar b'saħħitha, trasparenza mtejba u prattiċi kontabbli aktar effiċjenti.

**3. Metodoloġija Adottata**

L-iżvilupp taċ-COA il-ġdida sar permezz ta' metodu komprensiv u konsultattiv.

Saret reviżjoni dettaljata mal-Kunsilli kollha minn awditur professjonali sabiex issir analiżi bir-reqqa taċ-Charts of Accounts eżistenti, klassifikazzjonijiet u attivitajiet operattivi.

Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kompliet tibni fuq dan l-istudju permezz ta' konsultazzjonijiet aktar wiesgħa ma' partijiet interessati ewlenin fosthom l-Awdituri tal-Gvern u kif ukoll l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali. Dawn il-konsultazzjonijiet kienu kruċjali sabiex proprju inħolqot iċ-Chart of Accounts komuni li:

- Tirrifletti b'mod preċiż l-operat tal-Kunsilli;
- Hija konformi mar-rekwiżiti tal-IFRS u li twassal għall-istqarrijiet finanzjarji mingħajr in-neccesità ta' intervent manwali;
- Iżomm l-istqarrijiet finanzjarji konċiżi u faċli għall-istess Awditur tal-Gvern.

**4. Approċċ t'Implimentazzjoni u Fażijiet**

L-implimentazzjoni ser tkun imqassma f'żewġ fażijiet:

**Fażi 1 – Sena 2026**

Tapplika għall-Kunsilli Lokali li jkollhom l-istqarrijiet mhux awditjati tal-2025 u li huma approvati sal-31 ta' Marzu 2026. Dawn għandhom jibdew it-transizzjoni fis-sena 2026.

**Fażi 2 – Sena 2027**

Tapplika għall-Kunsilli Reġjonali u l-bqija tal-Kunsilli Lokali. Dawn ikomplu jużaw iċ-COA eżistenti fl-2026 u jittrasferixxu għal dik ġdida fis-sena 2027.

## 5. Rekwiżiti Ewlenin

| | |
|---|---|
| Dħul tat-Tranżazzjonijiet tas-Sena 2026 | Waqqaf l-inputting fis-sistema ta' kontabilità iżda żomm ir-rekords kollha adegwatament u b'referenzi xierqa flimkien mad-dokumentazzjoni kollha neċessarja<br><br>Ħarreġ impjegat tal-Kunsill biex iżomm rendikont korrett ta' kull tranżazzjoni f'worksheet apposta biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' tranżizzjoni.<br><br>Mhux rakkomandat li wieħed iħalli perjodu twil bejn it-trasazzjoni taċ-Chart of Accounts il-qadima u dik ġdida, għaliex dan iwassal sabiex jiżdiedu t-tranżazzjonijiet pendenti, u kif ukoll jagħmel ir-rikonċiljazzjoni u l-ġestjoni ferm aktar diffiċli. |
| Is-Sistema ta' Kontabilità | Dan huwa l-mument opportun biex il-Kunsill jaġġorna r-rekwiżiti tas-sistema ta' kontabilità kif ġej:<br>• Is-sistema għandha tkun bbażata fuq sistema imsejħa Cloud Based.<br>• Is-sistema għandha tippermetti l-importazzjoni tan-numri tan-nominal codes (mhux il-balanċi) u l-ismijiet direttament mill-Excel Sheet li tipprovdi d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.<br>• Is-sistema għandha tippermetti l-ħolqien ta' sub-accounts u kontijiet segmentati.<br>• Is-sistema għandha tkun kapaċi tipproduċi sett ta' stqarrijiet finanzjarji li jinkludu s-segwenti (Statement of Income, SOFP u Cash Flow Statement) direttament mid-dejta finanzjarja tas-sistema.<br>• Is-sistema għandha tippermetti bosta utenti u backups. |
| Bilanċ mhux Awditjat għas-Sena 2025 | Iċċekkja li l-istqarrijiet finanzjarji mhux awditjati tal-2025 ikunu lesti. Il-bidla għandha ssir fuq l-istqarrijiet mhux awditjati tas-sena 2025, li għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Frar 2026.<br><br>Ikollok bżonn it-Trial Balance mhux awditjat tal-2025 peress li l-bilanċi rispettivi għandhom jiġu mapped għaċ-Chart of Accounts il-ġdida bħala bilanċi inizjali.<br><br>Tranżizzjoni: Simili għall-ħolqien ta' kumpanija ġdida fis-sistema ta' kontabilità.<br><br>Jekk l-istqarrijiet awditjati tal-2025 jitlestew qabel ma jibda l-proċess tal-mapping, għandu minflok jintuża t-trial balance awditjat. |

| | |
|---|---|
| Issetjar tal-Jiem tal-Bidla | Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiffissa l-ġranet ta' tranżizzjoni mal-Accountant hekk kif jitlestew l-istqarrijiet finanzjarji mhux awditjati u dan għandu jiddedika mill-inqas jumejn sħaħ sabiex jikkonkludi dan il-proċess.<br><br>L-Accountant għandu jaħdem mas-Segretarju Eżekuttiv jew fl-uffiċċju tal-Bini Amminitrattiv tal-Kunsill jew fil-post min fejn jopera l-istess Accountant.<br><br>L-inputting tat-tranżazzjonijiet għas-sena 2026 għandu jerġa' jibda immedjatament wara li jitlestew il-mappings tal-bilanċi inizzjali mhux awditjati mill-qadim fiċ-chart of accounts il-ġdida.<br><br>Dan il-proċess għandu jitlesta sa mhux aktar tard mill-30 ta' Ġunju 2026 peress li mbagħad ikun hemm bżonn li jibda l-inputting għas-sena finanzjarja 2026. |
| L-Eżerċizzju ta' Mapping | Għandha tintuża Excel Sheet sabiex tiġi mapped iċ-chart of accounts il-qadima u l-bilanċi rispettivi għaċ-chart of accounts il-ġdida u l-bilanċi l-ġodda.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li l-accountant ikollu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jagħmel il-mapping korrett tad-data finanzjarja għaċ-chart of accounts il-ġdida.<br><br>L-Accountant irid jiżgura li jinżamm rendikont xieraq flimkien ma' spjegazzjonijiet tal-mapping tal-kontijiet nominali l-qodma għal dawk ġodda. Dan id-dokument (Excel Sheet) se jintuża mill-awdituri tal-Gvern għall-awditjar tal-bilanċi inizjali għas-sena 2026.<br><br>Il-mapping exercise għandu jitlesta fl-iqsar żmien possibbli, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2026. |
| Aġġustamenti tas-Sena 2025 | Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jidderiġi lill-Accountant biex japplika l-aġġustamenti tas-sena 2025 fuq iċ-chart of Accounts il-ġdida sabiex jallinja mal-istqarrijiet finanzjarji awditjati.<br><br>Jista' jkun hemm każijiet fejn ikun hemm bżonn jsiru aġġustamenti wkoll fuq is-sistema/kontijiet il-qodma sabiex jiġi permess li joħroġ ir-rapport tal-awditjar għas-sena 2025 mill-awdituri esterni.<br><br>Proċess ta' transazzjoni bejn iċ-Chart of Accounts m'għandux ifixkel il-proċess t'awditjar tal-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2025. |

| | |
|---|---|
| Backups u Rikonċiljazzjonijiet tas-Snin Preċedenti | Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li jiġu miżmuma backups tas-sistema ta' kontabilità sa mill-inqas tliet snin. L-Accountant għandu jipprovdi dawn il-backups jekk il-Kunsill ma jkollhomx dawn għad-dispożizzjoni tagħhom.<br><br>It-Trial Balances tal-aħħar ħames snin għandhom jinżammu kemm f'forma fiżika kif ukoll f'forma elettronika.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li jsiru r-rekonċiljazzjonijiet kollha, inklużi imma mhux limitati għal:<br>• Bank Reconciliations<br>• Debtors Reconciliations (vs Control A/C)<br>• Creditors Reconciliations (vs Control A/C) |

**6. Ġestjoni u Approvazzjoni ta' Bidliet**

Kull emenda futura fil-kategoriji prinċipali jew sub-kategoriji fiċ-Chart of Accounts trid tiġi approvata permezz tal-proċess formali mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex tiġi żgurata implimentazzjoni b'mod uniformi f'kull Kunsill.

**7. Tabella ta Skadenzi**

| Deadline / Perjodu | Azzjoni Ewlenija |
|---|---|
| **Meta l-istqarrijiet finanzjaji mhux Awditjati tal-2025 jiġu approvati mill-Kunsill** | Il-Segretarju Eżekuttiv għandu jiddetermina l-jiem ta' bidla mal-Accountant, li dawn għandhom ikunu mill-inqas jumejn sħaħ.<br><br>Il-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħti l-istruzzjonijiet lill-impjegati tal-Kunsill biex iżommu r-rekords kollha b'mod xieraq u kif suppost, b'riferimenti korretti u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja. Dan sabiex iżommu trail xierqa ta' kull transazzjoni f'Excel Sheet biex eventwalment din tiffaċilita l-proċess ta' tranżizzjoni.<br><br>Ikkuntattja lis-Supplier tas-sistema ta' kontabilità biex tiżgura li l-Kunsill għandu r-rekwiżiti tas-sistema ta' kontabilità kif spjegat b'mod dettaljat f'din iċ-ċirkulari. |
| **Mill-inqas 5 ijiem qabel il-jiem ta' bidla** | Il-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkuntattja l-Accountant biex jikkjarifika l-mod kif ser isir il-proċess u d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-istess accountant sabiex ikunu fformulati dawn il-proċessi segwenti;<br><br>• Tiġi formulata l-kumpanija l-ġdida fis-software ta' kontabilità,<br>• Isir it-trasferiment tal-kodiċi nominali fis-sistema,<br>• Il-mapping tal-bilanċi mhux awditjati għas-sena 2025, kif indikat f'din iċ-ċirkulari. |
| **Kemm jista jkun malajr iżda sa mhux aktar tard mis-30 ta' Ġunju 2026** | Il-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li l-bidla meħtieġa tkun finalizzata, u li l-inputting tas-Sena 2026 jerġa' jibda jsir b'mod normali. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jagħti struzzjonijiet lill-accountant biex idaħħal l- aġġustamenti t'awditjar fiċ-Chart of Accounts il-ġdida. |

## 8. Konklużjoni

Huwa mistenni li l-Kunsilli jikkoperaw b'mod sħiħ biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u fil-ħin. L-introduzzjoni taċ-Chart of Accounts ġdida tirrappreżenta pass importanti fit-tisħiħ tal-immaniġġjar finanzjarju fil-qasam tal-Gvern Lokali. L-implimentazzjoni b'suċċess tagħha se twassal għal konsistenza, trasparenza u responsabbiltà aħjar fir-rappurtaġġ finanzjarju f'kull Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsilli kollha qed ikunu mħeġġa jagħtu lil din l-inizjattiva l-attenzjoni u l-prijorità massima.

**IFFIRMATA**

Clare Bugeja
Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Kopji: Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, MCLG
Awditur Ġenerali
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (International Affairs and Training)
President, AKL
President, ANSEK